

32002D0237

L 80/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.3.2002

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2002

**li temenda d-Deċiżjoni 94/360/KE dwar it-tnaqqis tal-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li jridu jiġu importati minn pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE**

(innotifikata taħt dokument numru C(2002) 1121)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/237/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 97/78/KE irrevokat u ħadet post id-Direttiva 90/675/KEE<sup>(2)</sup>, taħt liema Direttiva d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/360/KE<sup>(3)</sup> kienet ikkompilata.

(2) Wara li ġew skoperti aktar kmieni traċċi ta' ormoni ksenobiotiċi li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' tumuri fil-laħam importat mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/302/KE<sup>(4)</sup> emendat id-Deċiżjoni 94/360/KE li tadotta sistema avvanzata ta' kontrolli fuq l-importazzjoni kollha ta' laħam frisk ta' l-ifrat u l-ġewwieni, minbarra laħam tal-buflu u l-ġewwieni, importat minn dak il-pajjiż.

(3) Wara l-iskoperta ta' dawn is-sejbiet residwi, f'Ġunju 1999 l-awtoritajiet fl-Istati Uniti ta'

l-Amerika reġgħu saħħew il-programm tagħhom ta' frat ħielsa mill-ormoni. Wara li dan il-programm iltaqa' ma' aktar diffikultajiet, li kienu ġew identifikati waqt missjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika mill-Uffiċċju ta' l-Ikel u l-Veterinarju tal-Kummissjoni, il-programm ġie sospiż f'Lulju 1999 u llanċjat mill-ġdid f'Settembru 1999, f'forma aktar avvanzata bħala l-programm ta' l-ifrat li mhux ittrattat bl-ormoni.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/518/KE<sup>(5)</sup> emendat aktar il-miżuri ta' spezzjoni fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntieri tal-Komunità biex jinkludu ittestjar speċifiku għas-stilbeni wara li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Isvizzera osservaw il-presenza tad-diethylstilboestrol (DES) fil-laħam taċ-ċanga importat mill-Istati Uniti.

(5) Fid-dawl tar-riżultati favorevoli li ħarġu mill-programm ta' l-ittestjar, f'Settembru 2000 id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/583/KE<sup>(6)</sup> naqqset il-frekwenza tal-kontrolli fuq laħam frisk importat mill-Istati Uniti ta' l-Amerika minn kontrolli fuq il-kunsinni kollha għal kontrolli fuq 20 % tal-kunsinni, u neħħiet l-obbligu fuq l-Istati Membri li jistgħu jippermettu biss id-dħul fit-territorju tagħhom ta' kunsinni li r-riżultati ta' l-eżami u l-analiżi tagħhom ikunu favorevoli.

(6) Din id-Deċiżjoni kienet l-ewwel pass lejn it-tneħħija għalkollox ta' l-obbligu li jsir ittestjar għall-ormoni fuq kull kunsinna magħżula biex tiġi kkontrollata fiżikament, u d-Deċiżjoni kienet soġġetta għar-reviżjoni fid-dawl ta' riżultati ta' testijiet li kellhom isiru aktar ' il quddiem skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 1999/302/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 158, tal-25.6.1994, p. 41.

<sup>(4)</sup> ĠU L 117, tal-5.5.1999, p. 58.

<sup>(5)</sup> ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 50.

<sup>(6)</sup> ĠU L 246, tat-30.9.2000, p. 67.

- (7) Il-kontrolli addizzjonali stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni 1999/302/KE u d-Deċiżjoni 1999/518/KE, u l-ittestjar imwettaq taħt il-programm addizzjonali tal-Komunità Ewropea għall-ormoni, ma tawx riżultati pożittivi fuq kampjuni ta' laħam ta' l-ifrat frisk u l-ġewwieni matul il-perjodu ta' wara.
- (8) Għalhekk huwa xieraq li tiġi rrevokata l-kondizzjoni li 20 % tal-kunsinni tal-laħam importat mill-Isati Uniti ta' l-Amerika jiġu ittestjati sabiex isir magħruf jekk hemmx il-preżenza possibbli ta' ormoni, u fir-rigward ta' testijiet laboratorji, li din l-importazzjoni tiġi ttrattata fuq l-istess bażi bħall-importazzjoni ta' laħam minn pajjiżi terzi.
- (9) Il-miżuri li hemm maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kunitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 94/360/KE hija emendata kif ġej:  
l-Artikolu 1a huwa revokat.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*